



17.4.2012

0016/2012

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kummerċ internazzjonali bħala strument għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u għall-ħarsien tal-konsumaturi

**Joseph Daul, Enrique Guerrero Salom, Cristiana Muscardini, Niccolò Rinaldi, Gianluca Susta**

Data ta' skadenza: 17.7.2012

0016/2012

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-kummerċ internazzjonali bħala strument għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u għall-ħarsien tal-konsumaturi**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ twieldet biex tiżgura, permezz ta' regoli ġusti, kummerċ leali għas-servizz tal-iżvilupp sostenibbli;
- B. billi parti mill-produzzjoni dinjija ssir billi ma jiġux rispettati l-istandards minimi ta' protezzjoni soċjali u ambjentali u b'hekk tinħoloq distorsjoni tar-regoli tal-kummerċ internazzjonali;
- C. billi l-approċċ ta' ċerti sistemi nazzjonali fis-sostenn tas-setturi industrijali tagħhom jostakola, bil-fatt, il-kompetizzjoni libera tal-kummerċ internazzjonali;
  1. Jiddispjaċih li l-proċedura għan-negozjazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali ma tippredix il-involviment dirett tal-Parlament Ewropew fid-definizzjoni tagħhom;
  2. Iqis indispensabbli r-rispett tal-prinċipju ta' reċiproċità sostanzjali fir-relazzjonijiet bejn Stati u impriżi, bil-għan ta' ħarsien akbar tal-interess Komunitarju;
  3. Iqis bħala fundamentali li l-UE tuża fil-pront u b'mod effikaċi l-istrumenti ta' difiża kummerċjali fil-pussess tagħha;
  4. Iqis li l-fenomeni tal-falsifikazzjoni huwa estremament dannuż għas-sistema produttiva Ewropea, u jinsab inkwetat għall-aċċess fl-UE ta' prodotti potenzjalment ta' ħsara għal saħħet il-konsumaturi;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.